REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1667

tad-19 ta' Lulju 2022

li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2090 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward każijiet ta' nonkonformità suspettata jew stabbilita mar-regoli tal-Unjoni applikabbli għall-użu jew għar-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati fi prodotti mediċinali veterinarji jew bħala addittivi tal-għalf jew mar-regoli tal-Unjoni applikabbli għall-użu jew għar-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi pprojbiti jew mhux awtorizzati

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 19(2)(a) u 19(2)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjoni bil-lingwa Latvjana tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2090 ([2]) fiha żball fil-premessa 6, fl-Artiklu 4(4), fil-frażi introduttorja, fl-Artikolu 6, it-titolu, fl-Artikolu 6(1), fl-Artikolu 6(2), il-frażi introduttorja,u l-fl-Artikolu 8, l-ewwel paragrafu, li tbiddel it-tifsira tad-dispożizzjonijiet.

(2) Il-verżjonijiet bil-lingwa Franċiża, Ġermaniża, Kroata u Maltija tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2090 fihom żball fl-Artikolu 6(3), it-tieni inċiż li minħabba fih huma imposti kondizzjonijiet aktar stretti fuq l-operaturi.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-verżjonijiet bil-lingwa Franċiża, Ġermaniża, Kroata, Latvjana u Maltija tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2090 jiġu kkoreġuti skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati,

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2090 tad-19 ta' Ġunju 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward każijiet ta' nonkonformità suspettata jew stabbilita mar-regoli tal-Unjoni applikabbli għall-użu jew għar-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati fi prodotti mediċinali veterinarji jew bħala addittivi tal-għalf jew mar-regoli tal-Unjoni applikabbli għall-użu jew għar-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi pprojbiti jew mhux awtorizzati (ĠU L 317, 9.12.2019, p. 28).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2090 huwa kkoreġut kif ġej:

1. *(ma japplikax għal-lingwa Maltija);*
2. *(ma japplikax għal-lingwa Maltija);*
3. *(ma japplikax għal-lingwa Maltija);*
4. *(ma japplikax għal-lingwa Maltija);*
5. *(ma japplikax għal-lingwa Maltija);*
6. *(ma japplikax għal-lingwa Maltija);*
7. Fl-Artikolu 6(3), it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— l-annimali kollha tal-lott jew tal-lottijiet li minnhom annimal wieħed jew aktar kienu kkonfermati li kienu soġġetti għal trattament illegali minħabba li jkunu ntużaw sustanzi jew prodotti mediċinali veterinarji awtorizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal finijiet jew f'kundizzjonijiet għajr dawk stipulati f'dik il-leġiżlazzjoni, jew meta xieraq, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali f'annimali li jipproduċu l-ikel, għandhom jitqiesu li kienu wkoll soġġetti għal trattament illegali, sakemm l-awtorità kompetenti, fuq talba u bl-ispejjeż għall-operatur, ma taqbilx li jitwettqu kontrolli uffiċjali addizzjonali fuq l-annimali tal-lott jew lottijiet rilevanti, li fir-rigward tagħhom ikun hemm suspett li ġew trattati b'mod illegali, biex jiġi aċċertat li ma seħħ l-ebda trattament illegali fir-rigward ta' dawk l-annimali.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN